MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 850/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kenneth Haber)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**ANTHONY MARIO BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Mario Baldacchino ta' 21 sena mwieled New South Wales - Awstralja, fit-12 ta' Lulju, 1992 iben Carmel u Pawlina xebba Dalli, u residenti 44, Mount Pleasant, Triq Mikielang Busuttil, Safi. Detentur tal-karta tal-identita' numru 80503(L).

Gie akkuzat talli fl-26 ta' Mejju 2013, fi Triq Mikielang Busuttil, Safi, ghal-habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar (1500 hrs) u fil-hinijiet ta' wara:

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Loraine Falzon, numru tal-karta tal-identita' 0668976M skond kif iccertifikati minn Dr. Andrew Atkins M.D., numru mediku 302, mill-Isptar Mater Dei;

2. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Loraine Falzon, numru tal-karta tal-identita' 0668976M skond kif iccertifikati minn Dr. Alison Micallef M.D., numru mediku 3005, u minn Dr. Martina Muscat M.D., numru mediku 3301 mill-Isptar Mater Dei

3. Volontarjament kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied:

4. Ingurja jew hedded bil-kliem lil Loraine Falzon, numru tal-karta tal-identita' 0668976M.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' sejbien ta' htija u sabiex tiprovdi ghas-sigurta' ta' Loraine Falzon, tapplika l-provedimenti tal-Artikli 382A (1), (2), u (3), u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Loraine Falzon ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. KC9 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 214, 216, 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Anthony Mario Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Anthony Mario Baldacchino ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Anthony Mario Baldacchino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Anthony Mario Baldacchino b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) li jzomm il-kwiet ma' Loraine Falzon u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kullhadd ghal zmien sena millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Mario Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------